**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 117/08VG**

**Dr. Luciano Busuttil u Philip Massa, Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali Hamrun f'isimhom proprju**

**Vs**

**Alex Attard bhala Editur tan-Nazzjon**

**Illum 8 ta' Frar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Dr. Luciano Busuttil u Philip Massa, Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali Hamrun f'isimhom proprju fil-5 ta' Marzu 2008, permezz ta' liema jitolbu li l-Qorti tikkundanna lil Alex Attard bhala Editur tan-Nazzjon ihallashom in linea ta' danni dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti, prevja dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluza politika" ippubblikat fuq in-Nazzjon ta' l-Erbgha 14 ta' Novembru 2007, li taghha Alex Attard huwa l-Editur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront taghhom billi ghandu kontenut u dikjarazzjonijiet foloz li ghandhom l-iskop uniku li joffendu l-unur u l-fama ta' l-atturi u jesponihom ghar-redikolu tal-pubbliku kif ukoll jallarmaw l-opinjoni pubblika, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra Alex Attard;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (a) l-atturi personalment ma ghandhomx *locus standi* billi jonqos l-element ta' l-interess guridiku; (ii) il-kummenti maghmula dwar il-Kunsill Lokali tal-Hamrun jammontaw ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Lulju 2008[1], ta' l-14 ta' Ottubru 2008[2], tat-8 ta' Novembru 2012[3], tad-19 ta' Frar 2013[4] u tal-21 ta' Ottubru 2013[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GV1" u Dok. "GV2" a fol. 81 sa' 84 tal-process, semghet ix-xhieda ta' l-attur Philip Massa moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2008[6] u x-xhieda ta' Pierre Mangion moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2008[7] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AG" a fol. 21 sa' 29 tal-process, rat l-artikolu pubblikat fil-harga tal-gurnal in-Nazzjon ta' l-Erbgha 14 ta' Novembru 2007 intitolat "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluz politika" markat bhala Dok. "LB" a fol. 30 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-atturi markati Dok. "KH1" u Dok. "KH2" permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' April 2009 a fol. 33 sa' 43 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Natalino Attard *qua* Direttur tal-Kunislli Lokali moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2009[8] u x-xhieda ta' Dr. Malcolm Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012[9] u semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013[10];

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-atturi – Dr. Luciano Busuttil u Philip Massa, fiz-zmien tal-prezentata tar-Rikors promotur Sindku u Segretarju Ezekuttiv rispettivament tal-Kunsill Lokali Hamrun – f'isimhom proprju jitolbu li l-konvenut *qua* Editur tal-gurnal in-Nazzjon jigi kkundannat ihallashom in linea ta' danni dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti prevja dikjarazzjoni li l-artikolu intitolat "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluza politika" ippubblikat fil-harga tal-gurnal In-Nazzjon ta' l-Erbgha 14 ta' Novembru 2007, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront taghhom billi ghandu kontenut u dikjarazzjonijiet foloz li ghandhom l-iskop uniku li joffendu l-unur u l-fama taghhom u jesponihom ghar-redikolu tal-pubbliku kif ukoll jallarmaw l-opinjoni pubblika, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba ta' l-atturi bis-segwenti eccezzjonijiet: (a) l-atturi personalment ma ghandhomx *locus standi* billi jonqos l-element ta' l-interess guridiku; u (ii) il-kummenti maghmula dwar il-Kunsill Lokali tal-Hamrun

[1] Fol. 11 u 12 tal-process.
[2] Fol. 14 tal-process.
[3] Fol. 76 sa' 79 tal-process.
[4] Fol. 85 tal-process.
[5] Fol. 90 u 91 tal-process.
[6] Fol. 15 u 16 tal-process.
[7] Fol. 18 sa' 20 tal-process.
[8] Fol. 44 u 45 tal-process.
[9] Fol. 68 u 69 tal-process.
[10] Fol. 92 u 93 tal-process.

jammontaw ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

L-artikolu kontestat b'dawn il-proceduri, ossia l-artikolu intitolat "Kudannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluz politika" pubblikat fil-harga tal-gurnal In-Nazzjon ta' l-Erbgha 14 ta' Novembru 2007, jaqra hekk: *il-Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista filwaqt li kkundanna kull forma ta' razzizmu jew diskriminazzjoni xenofobika, ikkundanna wkoll kull diskriminazzjoni kif qed jaghmel il-Kunsill Lokali Laburista tal-Hamrun immexxi mis-Sindku Laburista Luciano Busuttil. Bhall-Kunsill Laburista tal-Hamrun hemm kunsilli Laburisti ohra li qed iwettqu forom ta' diskriminazzjoni. Il-Kunsill Lokali tal-Hamrun immexxi minn maggoranza Laburista jinsab iffaccjat b'kummenti mill-awditur dwar tgerfix fil-kontijiet tieghu. Fost l-ohrajn jissemmew il-hlas lill-istazzjon tal-Partit Laburista bla ricevuta fiskali, dikjarar ta' surplus meta kien hemm zbilanc qawwi u ghotjiet tal-flus b'mod diskriminatorju. Il-Kullegg Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista qal li kif kien mistenni Luciano Busuttil ma semmiex il-mod diskriminatorju ta' kif Kunsilli Laburisti qed jaghzlu l-istess Avukati b'tendenzi Laburisti biex jipprovdu servizzi lill-Kunsilli. L-istqarrija tal-Partit Laburista hi tentattiv imqanzah biex il-Partit Laburista jiddevja l-attenzjoni minn fuq it-tahwid finanzjajru tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun kif indikat mill-Awditur. Il-Partit Laburista qed jipprova jaghmel kapital minn espressjoni li l-ghazla taghha setghet kienet infelici. Bl-ebda mod l-espressjoni ma kienet qed tippromuovi d-diskriminazzjoni, kif qed jallega l-Partit Laburista. Ghar-rigward ta' kummenti diskriminatorji, il-Kullegg Kunsilliera fakkar fil-proposta tad-Deputat Laburista Joe Sammut fejn kien issugerixxa li l-immigrnti ghandu jkollhom trasport separat mis-servizz tat-trasport pubbliku li juzaw il-Maltin. Il-Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista kkundanna kull tip ta' diskriminazzjoni bhal dik li qed iheggeg ghaliha l-kunsillier Laburista f'Hal Qormi Bjorn Azzopardi, li f'korrispondenza interna tal-Partit Laburista meta kien qed jirreferi ghal min jappogga lill-PN qal 'ma dawn in-nies irridu nihdaru'*[11].

Mix-xhieda ta' l-atturi[12] jirrizulta li huma – sew bhala rapprezentanti, senjatament Sindku u Segretarju Ezekuttiv, tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun kif ukoll f'isimhom personali – hassewhom ingurjati u malafamati mill-kontenut ta' l-artikolu in kwistjoni peress fih jissemmew u jigi abbinat maghhom tgerfix fil-finanzi tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u agir diskriminatorju fit-tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill.

Il-konvenut jikkontendi li l-atturi personalment ma ghandhomx *locus standi* billi jonqos l-element ta' l-interess guridiku. Fir-rigward issir referenza ghal dk

[11] Dok. "LB" a fol. 30 tal-process.
[12] Xhieda moghtija minn Dr. Luciano Busuttil waqt is-seduta tad-9 ta' Lulju 2008, fol. 11 u 12 tal-process u xhieda moghtija in kontro-ezami mill-istess Dr. Luciano Busuttil waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2012, fol. 76 sa' 79 tal-process u xhieda moghtija minn Philip Massa waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2008, fol. 15 u 16 tal-process.

osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Cachia Zammit v. Carmelo Chetcuti A.&C.E.** deciza fit-8 ta' Novembru 1957 – liema sentenza giet citata mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Perit Joseph Boffa v. John A. Mizzi, Citaz. Nru. 285/94** deciza fil-21 ta' Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fil-21 ta' Gunju 2005 – li: *l-interess biex wiehed jagixxi jista' jkun pekunarju w anke morali, purchè guridiku, jigifieri korrispondenti ghall-lezjoni ta' veru dritt; u ghalhekk ittra mibughta lil persuna, li tilledi l-onorabilità ta' persuna ohra, taghti lil dan ta' l-ahhar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsità tal-kontenut ta' dik l-ittra; u dan avvolja l-persuna offiza ma tkunx sofriet danni materjali.* Minn dan il-bran huwa evidenti li fejn hemm lezjoni ta' veru dritt – fil-kaz ta' libell, l-onorabilità ta' persuna – dik il-persuna ghandha interess guridiku li tagixxi fil-konfront tal-persuna li skontha qed timmalafamaha.

Fil-kaz in ezami l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-attur Dr. Luciano Busuttil ghandu l-interess guridiku mehtieg u b'hekk il-*locus standi* necessarju biex jistitwixxi dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut. Jirrizulta b'mod car hafna li l-artikolu in kwistjoni jaghmel referenza diretta ghall-attur Dr. Luciano Busuttil fejn appuntu jinghad illi *l-Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista filwaqt li kkundanna kull forma ta' razzizmu jew diskriminazzjoni xenofobika kkundanna wkoll kull diskriminazzjoni kif qed jaghmel il-Kunsill Lokali Laburista tal-Hamrun immexxi mis-Sindku Laburista Luciano Busuttil. … Il-Kullegg tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista qal li kif kien mistenni Luciano Busuttil ma semmiex il-mod diskriminatorju ta' kif Kunsilli Laburisti qed jaghzlu l-istess Avukati b'tendenzi Laburisti biex jipprovdu servizzi lill-Kunsilli…*[13] Il-fatt li l-attur Dr. Luciano Busuttil qed jissemma fl-artikolu *qua* Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun ma jnaqqas xejn mill-fatt li f'ismu personali ghandu, kif inghad, l-interess guridiku mehtieg u b'hekk il-*locus standi* necessarju biex jistitwixxi proceduri ta' libell fil-konfront tal-konvenut.

In kwantu rigwarda l-attur l-iehor Philip Massa, ghalkemm huwa ma jissemmiex b'mod dirett bhal fil-kaz ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil, ma hemmx dubju li l-artikolu in kwistjoni jittratta fost affarijiet ohra dwar il-finanzi tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun jew ahjar dwar *it-tgerfix fil-kontijiet* tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun. Kif hawn fuq appena espost l-artikolu jghid *Il-Kunsill Lokali Laburista tal-Hamrun jinsab iffaccjat b'kummenti mill-awditur dwar tgerfix fil-kontijiet tieghu. Fost ohrajn jissemmew il-hlas lill-istazzjon tal-Partit Laburista bla rcevuta fiskali, dikjarjar ta' surplus meta kien hemm zbilanc qawwi u ghotjiet tal-flus b'mod diskriminatorju*[14]. Huwa evidenti ghalhekk li l-Kunsill Lokali tal-Hamrun jew ahjar l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun qed tigi akkuzata ta' tgerfix fil-kontijiet u anke uzu improprju tal-fondi tal-Kunsill. A tenur ta' l-Artikolu 52(1) ta' l-Att dwar

[13] Fol. 30 tal-process.
[14] Fol. 30 tal-process.

il-Kunsilli Lokali, tal-Kap. 363 tal-Ligijiet ta' Malta, is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali – kwindi fil-kaz in ezami Philip Massa – huwa l-kap ezekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill. B'hekk ghalkemm Philip Massa *qua* Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun ta' dak iz-zmien ma jissemmiex b'mod dirett fl-artikolu in kwistjoni, ladarba qed jissemma *tgerfix fil-kontijiet* tal-Kunsill u f'aspetti finanzjarji ohra, huwa jista' ragjonevolment – ta' l-inqas minn nies tal-lokalità tal-Hamrun – jigi identifikat bhala il-persuna li ghaliha wkoll jirreferi l-artikolu in kwistjoni.

In sostenn ta' din l-osservazzjoni l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Borg v. Peter Bartolo, Citaz. Nru. 1747/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 2002, fejn dik il-Qorti osservat illi *ghall-finijiet ta' libell ma hemmx bzonn li l-persuna ingurjata tigi imsemmija b'isimha u dan ghaliex jekk jigi pruvat li l-persuna ingurjata tista' ragjonevolment tigi identifikata fil-persuna tal-kwerelant, il-ligi tkun sodisfatta (Vol. LXVIII p5 p313 Dr. Callus v. E. Privitera 9/2/84). The plaintiff must show that the words were published of and concerning him. It will be no defence that the plaintiff is not referred to by name if he would be capable of being identified by the reasonable person (Media Law P. Carey 1996 page 43). The test, in every case, is whether reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally. Where the knowledge depends upon special circumstances of which not everyone is aware, the plaintiff has to prove that the article was published to persons who were able to make the identifying connection. Any story that carried the imputation of discreditable conduct by somebody will be actionable by a plaintiff who can show that at least some readers would recognise him as the person being criticized – (Media Law Robertson and Nicole p 57/8). There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if ... a substantial number of persons who knew the plaintiff reading the article, would believe that it refers to him ... an action, assuming the language to be defamatory can be maintained – (Gately on Libel & Slander 8th Edition p. 280 et seq).*

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li anke l-attur Philip Massa ghandu l-interess guridiku mehtieg u b'hekk il-*locus standi* necessarju giex jistitwixxi proceduri ta' libell fil-konfront tal-konvenut.

In risposta ghat-talba attrici l-konvenut jeccepixxi wkoll li l-kummenti maghmula dwar il-Kunsill Lokali tal-Hamrun jammontaw ghal *fair comment* dwar fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

Huma ormai principji guridici stabbiliti li *f'kazijiet ta' libelli, il-bixra ta' hsieb ta' dawn l-ahhar snin, fuq l-istregwa ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kienet artikolata fis-sens illi fl-analizi tal-fatti u l-gudizzju dwarhom kellu jinzamm bilanc bejn l-interessi tal-persuna, fis-sens l-aktar ampju tal-kelma, li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrità tieghu, u l-interess pubbliku li jkun*

*informat fuq materji li legittimament jolqtu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar materji li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika. Kif ritenut drabi ohra 'il-gurisprudenza in materia zviluppat ulterjorment l-aktar favur il-libertà ta' l-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvilupp demokratiku ta' pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi. Gew però mwessa' notevolment il-limiti li fihom kienu arginati l-kummenti fuq fatti addebitati lill-figuri pubblici liema fosthom il-politici. Fil-konfront taghhom hafna issa hu aktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu pubbliku fuq materji ta' interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa' anke jekk a skapitu ta' inkonvenjenzi anki gravi lill-persuni pubblici involuti b'konsegwenza ta' kritika harxa, ukoll kultant ingusta – Dr. Alfred Sant v. Arnold Cassola et, Appell 23 ta' April 2001. Certament il-Kunsill Lokali attur ma jistghax ma jitqiesx organu pubbliku, u allura, kif fuq imfisser, fil-konfront tieghu l-parametri tal-kritika dwar l-operat tieghu ghandhom spazju aktar wiesgha. … Jinsab opinat mill-Gatley "On Libel and Slander" … 'A writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the asumption that they are true. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail. … F'materja ta' responsabilità civili ghad-diffusjoni ta' informazzjoni bil-mezz stampat, wiehed irid izomm dejjem in mira fl-analizi tal-kaz partikolari dawn l-aspetti:- (i) ir-rikostruzzjoni oggettiva tal-fatti; (ii) il-valutazzjoni tal-kontenut tal-kitba; (iii) id-dritt tal-kritika li kif minn dejjem gie awspikat ghandha tkun espressa fir-rispett tar-rekwizit ta' certa kontinenza u, ghaldaqstant, f'termini korretti u mizurati b'mod li ma titraxxendiex f'attakki personali virulenti. Dan ifisser illi ghall-iskop ta' l-iskriminanti huwa necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verità oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni taghhom. Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-pubblikazzjoni l-fonti ta' l-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini ta' l-attendibilità taghhom. … 'to succeed in a defence of fair comment the words complained of must be shown to be (i) comment (ii) fair comment and (iii) fair comment on some matter of public interest (Gatley, op. cit. Para 704). Hekk ukoll fis-sistema guridika Taljana skond decizjoni tal-Qorti tal-Cassazione tal-25 ta' Mejju 2000, Numru 6877, jehtiegu wkoll tlett elementi precizi, u cioè, li "(i) i fatti esposti sono veri, (ii) vi è un interesse pubblico alla conoscenza del fatto u (iii) vi sia correttezza formale dell'esposizione che non travilichi lo scopo informativo". … fejn l-informazzjoni tipprezenta profil indiskutibbli ta' interess pubbliku din tipprevali fuq konsiderazzjonijiet soggettivi tal-parti kritikata. Dan komplimentari mal-gustifikazzjoni ta' l-ezercizzju tad-dritt ta' kronaka. Filwaqt li dan hu hekk rikonoxxut u moghti harsien, ciononostante jibqa' dejjem jimpera l-principju "illi l-libertà ta' l-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurji b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrità*

*ta' haddiehor u ppubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika" – Onor. Perit Charles Buhagiar v. Ray Bugejna noe, Appell, 25 ta' Mejju 2001*[15].

Jibda biex jigi osservat li l-attur Dr. Luciano Busuttil ma huwiex korrett meta jissottometti – hekk kif ghamel waqt it-trattazzjoni orali – li fl-2007 huwa ma kienx persuna pubblika imma biss Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun. Ma hemmx dubju – hekk kif jirrizutla anke mill-bran appena citat – li Kunsill Lokali huwa organu pubbliku w allura jsegwi li l-persuni li jikkomponu dak il-Kunsill, ossia s-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera, huma lkoll persuni pubblici.

Iccarat dan il-punt jigi osservat li fir-rigward ta' l-artikolu kontestat b'dawn il-proceduri l-konvenut iddikjara *dan l-artikolu kien jikkonsisti fi stqarrija li hareg il-Partit Nazzjonalista, u jien ma kelli ebda diffikultà nippubblika l-istqarrija li kien hareg il-Partit Nazzjonalista b'rabta ma' dak li kien qed isehh f'numru ta' Kunsilli Lokali. L-istqarrija kienet marbuta ma' stqarrija li hareg il-Kullegg Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista. Jien fl-istqarrija ppubblikajt dak li ntqal fl-istqarrija, m'ghidna xejn u ma zidna l-ebda kummenti ma' l-istqarrija*[16]. Dr. Malcolm Mifsud, fiz-zmien in kwistjoni President tal-Kullegg tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista, li huwa Kullegg responsabbli mill-Kunsilli Lokali vis-à-vis il-Kunsilliera Nazzjonalisti u huwa wkoll *spokes person* fuq kwistjonijiet rigwardanti l-Kunsilli Lokali, fir-rigward ta' l-artikolu in kwistjoni xehed illi *ahna ovvjament inkunu nafu li hargu l-audited reports u ir-rapporti ta' l-awditur generali jigifieri dawn il-kummenti u l-gist tal-kritika li saret wara li kien hemm l-audit fuq il-Kunsill tal-Hamrun. Ovvjament id-dokument kien f'idejna ghax huwa dokument pubbliku u hrigna b'din l-istqarrija to high light in-nuqqasijiet li kien hemm fil-Kunsill tal-Hamrun, u hekk ghamilna, jigifieri l-istorja jew l-issues li kien hemm kienu high-lighted mir-rapport ta' l-awditur. Ovvjament ahna ghamilna l-kummenti taghna fuq dawk l-issues li gew high-lighted mill-awdituri*[17].

Ir-rapport ta' l-awditur li jaghmlu referenza ghalih kemm il-konvenut kif ukoll Dr. Malcom Mifsud bhala formanti s-sors u l-bazi ta' l-artikolu kontestat f'dawn il-proceduri huwa dak esebit a fol. 21 sa' 26 tal-process. Mill-ittra ta' l-awdituri Attard Giglio & Co. datata 30 ta' Mejju 2007, jirrizulta li fir-rapport (anness maghha) *we set out certain weaknesses in procedures and controls which were identified during the course of our audit, together with the implications of such weaknesses. Moreover, we are also proposing certain recommendations through which in our opinion, improvements may be made.* Dan ir-rapport jittratta dwar diversi aspetti ta' l-operat tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun izda b'mod partikolari taht l-intestatura *Results for the Year* l-awdituri kkonstataw u osservaw illi *in the year under review, the*

---

[15] Anthony DeGiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Civili Nru.966/01 deciza fl-24 ta' Novembru 2003.
[16] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, fol. 92 u 93 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012, fol. 68 u 69 tal-process.

*Council incurred a significant deficit amounting to Lm11,093. We have consequently qualified our audited report in this regard. This issue is even more worrying since the un-audited financial reports approved by the Council indicated a minor surplus of nearly Lm4.6K.* Taht l-intestatura *fiscal receipts or invoices* l-awdituri kkonstataw u osservaw illi *during out audit work, it transpires that certain expenditure is not backed by official fiscal receipts or invoices. Some cases in point are: Payments made to Ghaqda Mizukali San Gejtanu amounting to Lm2,300; Payments to Ghaqda Muzikali San Guzepp amounting to Lm1,803 for concert related expenses and Lm500 for trophies; Payments of Lm600 to One Production* u taht l-intestatura *Donations* l-awdituri kkonstataw u osservaw illi *whilst carrying out our audit procedures, it emerged that the council has made use of public funds to sponsor events held in the locality or to provide donations to approved institutions. The total amount tested by us which falls under such a category of expenditure amounted to around Lm260 and was composed of the following: Lm159.15 as a sponsorship for trophies to Hamrun Spartans F.C.; Lm95 to Fondazzjoni Arka for purchase of benches. The above two donations both exceed the maximum threshold of Lm50 per approved donation.*

Huwa evidenti li f'dan ir-rapport l-awdituri Attard, Giglio & Co. irravvizaw sitwazzjonijiet ta' thassib fil-finanzi u tmexxija finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun u ghalhekk huwa naturali li tali thassib iwassal ghal kritika, anke harxa, fil-konfront tal-Kunsill Loakli tal-Hamrun u tal-persuni li jamministrawh. Ghalkemm l-atturi ressqu provi li bihom ittentaw ixejnu dak ikkonstatat mill-awdituri waqt l-*audit* taghhom jibqa' l-fatt li kien hemm sitwazzjonijiet ta' thassib fil-finanzi u tmexxija finanzjarja tal-Kunsill Lokali ghaliex is-sitwazzjonijiet li nholqu kienu, irrispettivament minn kwalunkwe tip ta' gustifikazzjoni, rizultat car ta' nuqqas ta' diligenza. Ghalkemm il-kwistjonijiet sollevati mill-awdituri gew in segwitu risolti mill-Kunsill, jibqa' l-fatt li sehhew nuqqasijiet li qatt ma messhom sehhew. Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tqis li minn dan l-aspett l-ebda wiehed mill-atturi ma gie ingurjat jew malafamata, izda l-istess ma jistax jinghad meta l-attur Dr. Luciano Busuttil, anke *qua* Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun, gie akkuzat bi twettiq ta' agir diskriminatorju.

Di fatti minn qari ta' l-artikolu in kwistjoni jirrizulta li l-pern centrali tieghu ma hijiex tant it-tmexxija finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun izda l-allegat agir diskriminatorju da parte ta' l-istess Kunsill taht it-tmexxija ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil *qua* Sindku. Tant hu hekk li t-titolu ta' l-artikolu hu "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluz politika" u l-istess artikolu jibda bl-affermazzjoni *il-Kullegg Kunsilliera Partit Nazzjonalista filwaqt li ikkundanna kull forma ta' razzizmu jew diskriminazzjoni xenofobika, ikkundanna wkoll kull diskriminazzjoni kif qed jaghmel il-Kunsill Lokali Laburista tal-Hamrun immexxi mis-Sindku Laburista Luciano Busuttil.* Jirrizulta car li f'dan l-artikolu t-thassib ta' l-awdituri tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun kif rizultanti mir-rapport taghhom kien biss il-bazi biex in segwitu l-

attur Dr. Luciano Busuttil jigi akkuzat ta' agir diskriminatorju fil-mod kif *qua* Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun kien qed imexxi l-istess Kunsill.

Huwa dwar tali agir diskriminatorju wkoll jekk mhux addirittura principalment li l-konvenut kien fl-obbligu li jipprova l-verità sostanzjali ta' dak affermat fl-artikolu minnu pubblikat fil-gurnal In-Nazzjon, prova li però baqghet ma saritx.

Dr. Malcolm Mifsud[18] iddikjara li l-istqarrija tal-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti u l-konsegwenti kritika lejn il-Kunsill Lokali tal-Hamrun u l-attur Dr. Luciano Busuttil kienet ibbazata fuq dak li rrizulta mir-rapport ta' l-awdituri wara l-*audit* fir-rigward tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun, izda dan ir-rapport ma jaghmel l-ebda referenza, accenn jew insinwazzjoni ta' agir diskriminatorju da parte tal-Kunsill u tanto meno da parte ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil. Il-konvenut[19] iddikjara li huwa ppubblika l-istqarrija tal-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti kif inharget mill-istess Kullegg, la naqqas u lanqas zied ma' tali stqarrija izda huwa baqa' ma pprezentax din l-istqarrija kif mahruga mill-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti, li, skond Dr. Malcolm Mifsud, ibbaza ruhu fuq ir-rapport ta' l-awdituri. Ghalkemm fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, senjatament waqt il-kontro-ezami, in risposta ghall-mistoqsija *jigifieri* [l-artikolu] *jirrepeti kelma b'kelma l-istqarrija?* il-konvenut wiegeb *iva il-gist taghha nassumi li qieghed hekk, jimxi ma' l-istqarrija. Però nista' ngib l-istqarrija kif kienet*[20], huwa baqa' ma pprezentax l-istqarrija kif mahruga mill-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti.

Apparte l-fatt li l-konvenut bl-ebda mod ma pprova l-verità sostanzjali ta' l-allegazzjoni ta' agir diskriminatorju tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun taht it-tmexxija ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil *qua* Sindku, l-istess attur ressaq prova li kuntrarjament ghal dak insinwat fl-istess artikolu, l-ingaggar ta' l-Avukat tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun kien sar mhux biss tramite sejha debitament ippubblikata fil-Gazzett tal-Gvern[21] izda bl-approvazzjoni unanima tal-Kunsill[22]. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax ghajr li taghmel referenza ghall-principji iktar 'l fuq citat li *a writer may not suggest or invent facts, or adopt as true the untrue statements of fact made by others, and then comment on them on the assumption that they are true.* ***If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the defence of fair comment must fail***[23]. *... Dan ifisser illi ghall-iskop ta' l-iskriminanti huwa* ***necessarju li l-istampat ikun jikkontjeni mhux biss il-verità oggettiva tal-fatti izda wkoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni taghhom. Huwa impellenti ghalhekk illi qabel il-***

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Jannar 2012, fol. 68 u 69 tal-process.
[19] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013, fol. 92 u 93 tal-process.
[20] Fol. 93 tal-process.
[21] Dok. "GV1" a fol. 81 u 82 tal-process.
[22] Dok. "GV2" a fol. 83 u 84 tal-process.
[23] Enfasi tal-Qorti.

***pubblikazzjoni l-fonti ta' l-istess fatti tigi diligentament valjata ghall-fini ta' l-attendibilità taghhom***[24].

Fid-dawl ta' dan l-ahhar principju appena espost il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut ma jistax jahrab mir-responsabilitajiet tieghu ghaliex huwa semplicement ippubblika stqarrija rilaxxata mill-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti stante li apparte l-fatt li baqa' ma ressaqx prova konkreta li huwa ippubblika l-istqarrija kif effettivament rilaxxata mill-Kullegg tal-Kunsilliera Nazzjonalisti, fi kwalunkwe kaz huwa principju guridiku assodat in materja li editur jibqa' responsabbli ghall-kontenut ta' artikolu pubblikat fil-gurnal tieghu[25].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li ghalkemm l-artikolu mertu ta' dawn il-proceduri ma jistax jitqies ingurjuz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur Philip Massa, huwa certament ingurjuz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil in kwantu l-konvenut ma ppruvax b'mod sodisfacenti l-verità oggettiva tal-fatti kif ukoll il-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni taghhom kif maghmula fl-artikolu in kwistjoni fil-konfront ta' l-imsemmi attur.

In kwantu rigwarda l-likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-attur Dr. Luciano Busuttil, l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti dak affermat fir-rigward ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil fl-artikolu intitolat "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluz politika" ippubblikat fil-gurnal In-Nazzjon fil-harga ta' l-14 ta' Novembru 2007, huwa ingurjuz u malafamanti fil-konfront tieghu, il-kumpens dovut lilu in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dan l-artikolu ghandu jkun fis-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut limitatament fil-konfront ta' l-attur Philip Massa izda tichadha fil-konfront ta'

---

[24] Enfasi tal-Qorti.

[25] Av. Dr. Andrew Borg Cardona v. Dr. Joseph S. Abela et, Citaz. Nru. 1311/98 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Jannar 2002.

l-attur Dr. Luciano Busuttil u b'hekk tilqa' t-talba attrici limitatament fir-rigward ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil u filwaqt li tiddikjara li l-artikolu intitolat "Kundannata kull forma ta' diskriminazzjoni inkluz politika" ippubblikat fil-gurnal In-Nazzjon fil-harga ta' l-14 ta' Novembru 2007, huwa ingurjuz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur Dr. Luciano Busuttil stante li ghandu l-iskop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur Dr. Luciano Busuttil in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur Dr. Luciano Busuttil l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, salv ghal dawk relattivi ghall-attur Philip Massa, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-attur Philip Massa ghandhom jigu sopportati minnu stess.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**